**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, id-29 ta' Mejju tas-sena 2025**

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Melvyn Camilleri)

**kontra**

**MIGUEL GAFFARENA**

(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 360790(M)

**OMISSIS**

**DENUNZJA**

**IL-QORTI:**

Wara li rat illi Miguel Gaffarena, ta' 30 sena, iben Innocent u Catherine nee' Catania, imwieled il-Pieta' nhar is-27 ta' Lulju 1990, residenti ġewwa 18, Triq iċ-Ċavi, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 360790(M) flimkien ma Omissis kien ġie mressaq quddiemha akkużat talli nhar l-1 ta' Awwissu 2020 u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Imqabba u f'dawn il-Gżejjer:

1. Żammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess tagħhom, taħt il-kontroll tagħhom jew ġarrew il-barra minn xi fond jew id-dintorni tagħhom xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma kellhom liċenżja taħt l-Att dwar l-Armi jew xi liġi oħra;
2. U aktar talli assoċjaw rwieħhom bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Rat is-sentenza mgħotija minnha (diversament ippreseduta) fir-rigward tal-istess Miguel Gaffarena nhar l-1 ta' Awwissu 2020, permezz ta' liema sentenza wara li rat l-artikoli 17(h) u 48(a) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lil Gaffarena kif ukoll lil Omissis ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u kkundanat lil Gaffarena għal piena ta' disa' xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, ġiet sospiża għal perjodu ta' tmintax-il xahar. In oltre a tenur tal-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali qiegħdet lill-istess Gaffarena taħt Ordni ta' Supervizzjoni għall-perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati f'Digriet appożitu mgħoti ukoll fl-1 ta' Awwissu 2020[1]. Il-Qorti spjegat bi kliem ċar u sempliċi l-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża. Permezz ta' l-istess sentenza ġiet erogata l-piena fil-konfront ta' Omissis u finalment il-Qorti għaddiet ukoll sabiex a tenur tal-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-arma tan-nar esebita bħala Dok. MC5 favur il-Gvern ta' Malta[2].

Rat ukoll ir-rikors tal-Uffiċjal Sorveljanti, Maria Mifsud, ippreżentat minnha fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu għamlet denunzja ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u nfurmat lill-Qorti li (a) Miguel Gaffarena baqa' jippersisti bl-użu tad-droga u huwa mhux qed juri bizzejjed motivazzjoni sabiex jindirizza din id-dipendenza; (b) kull kampjun sottomess minn Miguel Gaffarena fl-Uffiċċju tal-Probation u Parole rriżulta pożittiv għad-droga kokaina.[3] Din id-Denunzja ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-Uffiċjal Sorveljanti fl-udjenza tal-11 t'Awwissu 2021[4].

Semgħet diversi drabi x-xhieda bil-ġurament tal-Uffiċjal Sorveljanti u rat ir-rapporti kollha ppreżentati minnha kif ukoll id-dokumentazzjoni annessa mal-istess;

Rat li l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti.

---

[1] Fol. 34 tal-Proċess.
[2] Fol. 31 tal-Proċess.
[3] Fol. 41 tal-Proċess.
[4] Fol. 45 tal-Proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi skond l-Ordni ta' Supervizzjoni, Gaffarena ġie ordnat li:

"...

1. *Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljenti inklużi direttivi dwar il-ħbieb li zzomm u l-postijiet li jiffrekwenta kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista' jkun meħtieġ dwar ir-reati li dwarhom instab ħati u l-vittmi tagħhom u lejn il-kriminalita' in ġenerali;*
2. *Li l-ħati jibqa' f'kuntatt ma l-uffiċjal sorveljenti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, u li tavża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;*
3. *Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa residenza tiegħu u fuq il-post tax-xogħol tiegħu skond id-direttivi ta' l-istess uffiċjal sorveljanti;*

...."[5]

Illi din il-Qorti hija sodisfatta illi l-imsemmi Miguel Gaffarena naqas milli jħares ir-rekwiżiti tal-Ordni ta' Supervizzjoni hawn fuq imsemmija. B'mod partikolari li jibqa' f'kuntatt mal-Uffiċjal Sorveljanti; jżomm mad-direttivi u l-istruzzjonijiet li jingħata minnha u li jattendi għal-laqgħat iffissati minnha minn żmien għal żmien. Bħala konsegwenza ta' dan jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' Gaffarena maret mill-ħażin għall-agħar.

Fix-xhieda u fir-rapporti tagħha l-Uffiċjal Sorveljanti kienet ċara. Tispjega li meta ingħatat dan l-inkarigu u sakemm kienet qed tissorvelja lil Gaffarena hija kienet konsapevoli li Gaffarena kellu bżonn ħafna sapport minħabba mewta traġika fil-familja tiegħu u minħabba li kellu problema tal-konsum tad-droga kannabis u kokaina. Spjegat li minħabba f'hekk ġie mfassal pjan ta' kura għalih liema pjan kien jinkludi anke sessjonijiet ma' psikologa. Tispjega kif bdew jittieħdu l-kampjuni tal-urina li maġġor parti tagħhom kienu qed jiġu pożittivi għas-sustanzi hawn fuq imsemmija. Ġie diskuss il-possibilita' ta' programm residenzjali madanakollu l-imputat dan ma xtaqux minħabba t-tifel tiegħu kif ukoll ix-xogħol li sa dal-punt kien wieħed stabbli. Għaldaqstant ġie suġġeriet li jagħmel kuntatt ma' numru ta' Aġenziji li jgħinu lil persuni li huma dipendenti fuq id-droga. L-Uffiċjal Sorveljanti għenet lil Gaffarena f'dan ir-rigward. Madankollu hekk kif beda għaddej iż-żmien beda jirriżulta li Gaffarena ma kienx qed jattendi għall-appuntament iffissati mill-Uffiċjal Sorveljanti.

Illi wara li saret id-denunzja s-sitwazzjoni ta' Gaffarena baqgħet taggrava. Il-kuntatt tiegħu mal-Uffiċjal Sorveljanti u l-psikologa baqa' sparodiku u mhux

[5] Fol. 35 tal-Proċess.

konsistenti. Din il-Qorti trid tinnota li, għalkemm kien hemm drabi fejn setgħa kien hemm ġustifikazzjoni valida l-għaliex huwa m'attendiex, din ma kinitx ir-regola u l-atteġjament tal-imputat meta analizzat fuq perjodu ta' snin juri biċ-ċar li huwa kien qed jipprova jagħmel minn kollox biex ma jsirux is-sessjonijiet mal-Uffiċjal Sorveljanti. Sar kuntatt ma diversi Aġenziji – fosthom Detox; Sedqa u Caritas – madanakollu l-kuntatt magħhom kien l-istess bħal dak ta' mal-Uffiċjal Sorveljanti. Issir il-kuntatt iżda imbagħad b'mod ġenerali ma jattendiex għas-sessjonijiet. Fuq perjodu ta' żmien jistgħa kjarament jiġi nnotat ukoll li l-kuntatt kien isir qabel is-seduta ffissata mill-Qorti.

Illi agħar minn hekk jirriżulta ukoll li l-imputat beda jbiddel bejn l-Aġenziji u dan sabiex dejjem jirbaħ il-ħin għaliex kien konsapevoli li l-feedback kien ħa jkun wieħed li jirrifletti l-aġir negattiv tiegħu. Fil-fatt wara li eżawrixxa l-Aġenziji varji, beda jipprova jagħmel kuntatt ma diversi programmi residenzjali li jeżistu bħal OASI u Santa Marija. F'istanza minnhom, anke quddiem din il-Qorti hekk kif preseduta ipprova jagħmel l-istess bl-Uffiċjal Sorveljanti tant li talab lil Qorti li din tinbidel.

Illi waqt li għaddej dan kollu fl-isfond, l-unika xhud li xehed favorevolment għall-imputat kien Daniel Joe Cachia li f'Jannar tas-sena 2023 xehed dwar l-imġieba ta' l-imputat fuq il-post tax-xogħol fejn iddeskrivieha bħala impekkabbli. Madanakollu sussegwentament ġie rraportatat mill-Uffiċjal Sorveljanti li minn riċerki li għamlet ma' Jobsplus irriżulta li l-impjieg ta' l-imputat ġie terminat xahar wara din ix-xhieda u ċioe' fi Frar tas-sena 2023. Sallum jidher li l-imputat ma reġgħax sab stabbilita' f'impieg.

In kwantu għal konsum tad-droga jistgħa jingħad biċ-ċar li mill-provi mismugħa minn din il-Qorti s-sitwazzjoni ta' l-imputat kompliet taggrava serjament. Hekk kif ingħad iktar qabel f'din is-sentenza jidher li meta ngħatat l-Ordni ta' Supervizzjoni huwa kien jabbużża mis-sustanzi tal-kannabis u tal-kokaina, meta saret id-denunzja kien prinċipalment qed jabbuża mill-kokaina. Sa Mejju tas-sena 2023 huwa kien qed jikkonsma l-alkoħol; eroina; methadone u l-kokaina.

Konsegwentament, b'dan l-andament, jirriżulta ben ċar li l-imputat ma għandu l-ebda sens ta' motivazzjoni li jibda jindirizza l-problemi f'ħajtu partikolarment il-problema tal-konsum tad-droga. Agħar minn hekk, għalkemm huwa kellu a disposizzjoni tiegħu diversi servizzi u sistemi ta' sapport huwa mhux biss għażel li ma jieħux benefiċċju minnhom iżda b'mod manipulattiv huwa ra kif juża dawn is-sistemi sabiex jipprova jevita l-konsegwenzi li din il-Qorti kienet wissietu dwarhom mal-għoti tas-sentenza u li din il-Qorti (hekk kif preseduta) spjegatlu b'mod ripetut waqt l-andament tad-denunzja. Hija ħasra ta' vera li flok l-imputat bena l-motivazzjoni tiegħu sabiex jegħleb id-diffikultajiet huwa għażel li jaħli ħinu sabiex jipprova, hekk kif qalet ben tajjeb l-Uffiċjal

Sorveljanti, jimmanipula sistema li fl-aħħar mill-aħħar kienet intiża għal rijabilitazzjoni u l-ġid tiegħu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti, wara li ħadet kont tas-sapport a disposizzjoni ta' Miguel Gaffarena, it-tul ta' żmien li huwa ingħata sabiex jindirizza l-problemi tiegħu u jdawwar ir-rotta f'ħajtu, kif ukoll il-fatt li huwa mhux biss naqas milli juri l-motivazzjoni neċessarja iżda adirittura pprova jimmanipula sistema sabiex jevita l-konsegwenzi ta' l-għemil tiegħu, qed tikkunsidra dan il-każ bħala wieħed serju b'aġir ripetut u b'hekk ser tkun qed tinfliġġi l-iktar piena oneruża a tenur tas-subartikolu 28G(9) tal-Kodiċi Kriminali billi tordna li s-sentenza sospiża mgħotija minn din il-Qorti (diversament ippreseduta) tidħol fis-seħħ.

Għal dawn il-mottivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28G(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li tqis li ġie pruvat għas-sodisfazzjoni tagħha li Miguel Gaffarena kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizzjoni mgħotija fl-1 ta' Awwissu 2020 b'mod serju u ripetut, qed tordna li s-sentenza ta' disa' xhur priġunerija sospiża għal tmintax-il xahar (a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali) mogħtija fil-konfront tiegħu nhar l-1 ta' Awwissu 2020 fil-proċedimenti li fihom saret l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn fuq imsemmija tibda sseħħ.

___________________________

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo**

___________________________

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**